**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 5 ta' Frar, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 561/2015 AF**

**Avv. Graziella Attard bhala mandatarju ghan-nom ta' Lara Rose Goulding Passaport Ingliz Nru. 523643143**

**u**

**Ian Macmillan Passaport Ingliz Nru. 461898981**

**vs**

**William Spiteri**

**u**

**Christa Deguara**

**u**

**David Zarb Jenkins**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi nomine li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-istanti ghamlu trasferimenti f'dati differenti, ta' ammonti ta' flus lill-konvenuti mharkka li kienu accettaw tali ammonti.

Dawn it-trasferimenti saru permezz ta' transazzjonijiet bankarji bejn l-istanti u l-konvenuti ghall-ammont ta' tlieta u tletin elf, disa' mija u tlett Ewro (€33,903.00).

L-istanti kienu ghamlu dawn it-trasferimenti lill-konvenuti a bazi tal-kundizzjoni li jergghu jigu moghtija lura, liema raguni ta' trasferiment ta' tali ammonti kienet sabiex jinxtara post gewwa Bugibba.

L-istanti kienu ghamlu trasferiment ghall-kont bankarju tal-konvenuti David Zarb Jenkins u Christa Deguara billi l-konvenut l-iehor William Spiteri kien qieghed jabita gewwa r-Renju Unit u ghalhekk tali ammonti li gew trasferiti kienu f'kontijiet bankarji gewwa Malta.

Il-konvenut William Spiteri ma baqax jabita gewwa r-Renju Unit u gie lura Malta fejn huwa u l-istanti Lara Rose Goulding ghamlu skrittura privata li l-imsemmi konvenut ghandu jaghti lura l-ammont li gie trasferit lilu gewwa l-kontijiet bankarji tal-konvenuti, li fl-istess skrittura l-konvenut William Spiteri obbliga ruhhu li jekk ma jaghtix l-ammont dovut lill-istanti sa Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) kien obbligat ihallas penali ta' sitt elef tmien mija u tletin Ewro (€6,830.00), (vide "Dok. A" anness).

Iz-zmien stipulat fl-iskrittura privata, cioè Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), ghadda u skada u ghalkemm l-istanti avvicinaw diversi drabi lill-konvenuti mharrka sabiex jigi effettwat tali hlas bilancjali, dawn baqghu inadempjenti.

L-istanti nterpellaw formalment lill-konvenuti mharrka b'ittra ufficcjali datata 30 ta' Marzu 2015 u l-istess gew debitament notifikati fit-13 ta' April 2015 (vide "Dok. B" anness).

Nonostanti tali interpellazzjoni gudizzjarja u n-notifika taghha, l-konvenuti mharrka baqghu qatt ma ressqu sabiex jeffettwaw pagament, la *in parte* u anqas *in toto*.

Ghalhekk illum il-gurnata, l-ammont li hu dovut u spettanti lill-istanti in virtù tal-imsemmija stipulazzjonijiet transazzjonijiet bankarji u ta' skrittura privata jammonta ghal erbghin elf sebgha mija u tlieta u tletin Ewro (€40,733.00) bl-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fuq tali cifra dekorribbli minn Dicembru 2014.

L-indikat ammont jikkostitwixxi dejn li l-konvenuti mharrka ghandhom fil-konfront tal-istanti u tali dejn hu wiehed cert, likwidu u dovut hekk kif jirrizulta wkoll mid-dikjarazzjoni guramentata hawn annessa.

Sa fejn jafu l-istanti Avv. Graziella Attard bhala mandatarju ghan-nom ta' Lara Rose Goulding u Ian Macmillan l-konvenuti mharrka ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jissollevaw u x'jaghtu kontra t-talba odjerna.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

Jezigu u jottjenu l-pagament tal-ammont bilancjali, oltre imghax u spejjez, hawn fuq indikat fil-paragrafu 9.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi l-kawża ġiet appuntata għall-udjenza tal-25 ta' Ġunju 2015 u peress illi l-Qorti qieset li l-konvenuti seta' kellhom eċċezzjonijiet xi jressqu, ingħataw għoxrin jum żmien sabiex jippreżentaw l-eċċezzjonijiet tagħhom għar-rikors ġuramentat tal-attriċi nomine.

Rat ir-risposta maħlufa ta' David Zarb Jenkins u Christa Deguara li permezz tagħha eċċepew illi:

In linea preliminari l-mertu tal-kawza jikkostitwixxi *res inter alios acta* stante li l-esponenti ma humiex firmatarji tal-iskrittura datata 16 ta' Gunju 2012, bil-konsegwenza li

ghandhom jigu immedjatament liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Ukoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-artikoli 1027 u 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-mertu, minn semplici qari tal-paragrafi numerati 3, 4 u 5 tad-Dikjarazzjoni u Raguni tat-Talba tar-rikors guramentat tal-atturi jirrizulta illi l-flejjes gew mghoddija fil-kont tal-esponenti bi qbil mal-atturi stess peress li l-intimat l-iehor William Spiteri kien jabita fir-Renju Unit flimkien mal-attrici Lara Rose Goulding.  Daka kien l-uniku involviment tal-esponenti, u ghalhekk ma hemm xejn li jridu jwiegbu ghalih.

L-atturi u l-intimat l-iehor William Spiteri waslu ghal ftehim kif ghandhom jintraddu dawna l-flejjes, liema akkordju jinsab kumpilat fl-iskrittura ffirmata bejn l-atturi u William Spiteri fis-16 ta’ Gunju 2012.  Dina l-iskrittura ghalhekk tammonta ghal novazzjoni attwata bejn il-kontraenti originali Lara Rose Goulding, Ian Macmillan u William Spiteri, li tikkonferma ulterjorment l-estranjetà assoluta tal-esponenti ghal dina l-vertenza.

L-estranjetà tal-esponenti tinsab konfermata espressament mill-attrici Lara Goulding fl-email mibghuta minnha lill-esponenti David Zarb Jenkins fid-9 ta’ April 2015, kopja hawn esibita bhala Dokument DZJ1.  Dina wahedha ghandha ta’ bilfors twassal lil dina l-Qorti tillibera lill-esponenti mill-osservanza tal-gudizzju.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost l-atturi *ex admissis* jghidu bil-gurament taghhom illi huma ddepozitaw is-somma ta’ €33,903 fil-kont tal-esponenti meta t-talba hija ghal €40,733.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma jistghu qatt jigu kkundannati ihallsu lill-atturi l-ammonti mitluba minnhom peress li l-flus li gew lilhom trasferiti kif fuq spjegat ma nzammux mill-esponenti.

Rat ir-risposta maħlufa ta' William Spiteri li permezz tagħha eċċepixxa illi:

In linea preliminari l-intimat William Spiteri m'ghandu l-ebda rapport guridiku mal-attur Ian Macmillan u b'hekk, l-istess attur Ian Macmillan ghandu jipprova l-interess guridiku u l-legittimità tieghu fil-provi.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-iskrittura datata 16 ta' Gunju 2012 ma tindikax fuq liema bazi ghandhom jithallsu l-£5000 sa Marzu 2014 u stante li fil-paragrafu nru (5) tar-rikors guramentat, l-atturi kkwalifikaw dan l-ammont bhala "penali", l-atturi ghandhom juru ghaliex dan l-ammont huwa penali u fi kwalsiasi kaz, tali ammont qieghed jigi kkontestat ghax huwa indikattiv ta' uzura u certament mhux penali. Kieku tali ammont kien penali, kieku l-partijiet kienu jistipulawh bhala tali. Fin-nuqqas jidher li dan mhu penali xejn izda somma li hi affetta minn kawza illecita (uzura).

Huwa car li dawn il-proceduri odjerni ma huma xejn hlief attentat da parti tal-atturi sabiex jaghmlu "*a quick buck*" minn fuq dahar l-intimat odjern u dan kif anke jirrizulta mill-ammonti konfuzjonali reklamati. Di fatti, b'ittra ufficjali mahruga ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata l-21 ta' Jannar 2015, (Ittra Nru. 17/2015) l-ammont mitlub kien ta' €26,091.00 (Ara Dok. WS1 hawn anness). Dan l-istess ammont ta' €26,091.00 kien gie ripetut f'ittra ufficjali ulterjuri tat-13 ta' Frar 2015 (Ittra Nru 556/2015) (Ara Dok. WS2 hawn anness), mentri f'ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu 2015 (Ittra Nru. 116/2015) l-ammont reklamat mill-istess atturi odjerni huwa ta' €40,733.00 (Ara Dok. WS3 hawn anness). Illi b'hekk ghandu jirrizulta li fi zmien tlett xhur, l-ammont reklamat mill-istess atturi <u>kwazi irdoppja</u> ghall-ammont reklamat fl-istanti proceduri u dan ukoll qed isir bi ksur lampanti tal-ligi.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, jispetta lill-atturi, jew min minnhom, sabiex iressqu prova illi tal-allegazzjonijiet taghhom kif dedotti fit-talbiet odjerni u dan billi anke jinghata elenku jew prospett dettaljat li juri breakdown tal-ammonti hekk reklamati, x'jirrapprezentaw tali ammonti u ghal liema raguni dawn huma dovuti.

In vista tas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda in toto bl-ispejjez kontra l-istess atturi jew min minnhom.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Rat is-sentenza preliminari tal-21 ta' Jannar 2016 li permezz tagħha l-Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti David Zarb Jenkins u Christa Deguara u għaldaqstant, illiberathom mill-osservanza tal-ġudizzju.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża dwar self brevi manu. L-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lura l-flus mislufa lill-konvenut William Spiteri. Permezz ta' sentenza preliminari datata 21 ta' Jannar 2016, il-Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti David Zarb Jenkins u Christa Deguara u għaldaqstant, illiberathom mill-osservanza tal-ġudizzju. Jibqa' għalhekk illi jiġu mistħarrġa t-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenut William Spiteri.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attriċi Lara Rose Goulding u l-konvenut William Spiteri kienu għal xi żmien għarajjes. Il-konvenut kellu problemi finanzjarji u missier Christa Deguara, li jiġi zijuh, ħallas id-dejn li kellu l-konvenut mal-bank bil-patt u kundizzjoni li l-konvenut iħallsu lura. Jidher li dan id-dejn kien jikkonsisti f'self bankarju sabiex il-konvenut xtara biċċa art il-Mosta. Il-ftehim li laħaq William Spiteri ma zijuh kien illi jħallsu €15,000 u l-kumplament permezz ta' pagamenti mensili. Kemm kien l-ammont komplessiv li kellu jitħallas mill-konvenut lil zijuh mhuwiex magħruf imma skont l-attriċi damu jħallsu 29 xahar.

L-attur Ian Macmillian li jiġi missier tar-rispett tal-attriċi Lara Rose Goulding silef €15,000 lill-konvenut sabiex dan tal-aħħar

seta' jħallas lil zijuh. Il-pagament sar fil-kont ta' David Zarb Jenkins. Dan mhuwiex kontestat mill-konvenut tant illi David Zarb Jenkins preżenta mal-affidavit tiegħu kopja ta' *statemen*t tal-kont tiegħu minn fejn jirriżulta li fit-2 ta' Frar 2011, huwa rċieva s-somma ta €14,996 (il-bank naqqas €4 bħala spejjeż) mingħand Ian Macmillan.

L-attriċi u l-konvenut kienu imbagħad iffirmaw skrittura fis-16 ta' Frar 2012 fejn ġie maqbul illi l-attriċi kienet silfet lill-konvenut £15,000 sabiex jixtri dar il-Mosta u li l-konvenut kien qiegħed jobbliga ruħu sabiex iħallas din is-somma lura sal-aħħar ta' Marzu 2013. Huwa obbliga ruħu li jħallas lill-attriċi s-somma addizzjonali ta' £5,000 sal-aħħar ta' Marzu 2014. Ġie stipulat ukoll illi f'każ li l-konvenut ma jħallasx dawn l-ammonti saż-żmien stipulat, huwa kellu jħallashom sal-aħħar ta' Diċembru 2014.

Minkejja li fir-rikors promotur l-atturi jgħidu li l-£5,000 kienu ġew stipulati bħala penali, fis-sottomissjonijiet jiċħdu li ġie miftiehem hekk imma ma jagħtux spjegazzjoni dwar x'kienu dawn il-flus. Dan minkejja li fir-rigward tal-£15,000 ġie stipulat ċar u tond li dawn il-flus kienu ġew mislufa lill-konvenut sabiex jiffinanzja x-xiri ta' dar il-Mosta.

L-atturi imbagħad ikomplu billi jgħidu li l-attur kien silef ukoll lill-konvenut £7000 għall-ispejjeż notarili sabiex seta' jsir il-kuntratt finali għall-akkwist tal-proprjetà, liema somma qegħdin jitolbu rifużjoni tagħha wkoll permezz ta' din il-kawża. Finalment, huma qegħdin jitolbu lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-attriċi s-somma ta' €12,052 li skont huma tirrappreżenta s-somma komplessiva li kkontribwixxiet l-attriċi bħala nofs il-pagamenti mensili li kien jagħmel il-konvenut lil David Zarb Jenkins sabiex jaqta' d-dejn li kellu ma zijuh. Skont l-atturi, huma kienu aċċettaw li jisilfu l-flus lill-konvenut għaliex kien minghalihom li d-dar kienet ser takkwista nofsha l-attriċi, imma li kien biss qabel ma daħlu għand in-nutar li l-konvenut kien qalilha li l-proprjeta kien ser jakkwistaha waħdu għaliex kienet tiġihom wisq flus biex jakkwistawha t-tnejn flimkien.

Da parti tiegħu, il-konvenut jikkontendi li huwa kien issellef biss is-somma ta' €15,000 (u mhux Lira Sterlina) mingħand l-attur u li l-attriċi qatt ma għamlet xi kontribuzzjoni lejn il-pagamenti mensili li kien jagħmel lil David Zarb Jenkins. Il-konvenut jiċħad illi qatt kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet fis-sens li l-proprjetà tiġi akkwistata mill-attriċi wkoll jew li l-atturi kienu ħallsu l-ispejjeż tan-Nutar.

In linea preliminari, il-konvenut jeċċepixxi li l-attur għandu jipprova l-interess ġuridiku tiegħu sabiex jippromwovi din il-kawża. Dwar eċċezzjoni ta' din ix-xorta, il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et, deċiża fil-5 t'Ottubru 2001 irriteniet illi:

> *"Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*
>
> *Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa, dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi – kif iddecidiet korrettement f'dan il-kaz - illi l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor jew lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza."*

Fil-kawża tal-lum, mill-provi rriżulta li kien proprju l-attur li silef il-flus lill-konvenut, u mhux l-attriċi. Din jgħidha l-konvenut stess fl-affidavit tiegħu. Isegwi għalhekk li l-interess ġuridiku tal-attur sabiex jipproċedi kontra l-konvenut permezz ta' din il-kawża jirriżulta b'mod ċar u għaldaqstant, l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut qiegħda tiġi miċħuda.

Il-konvenut imbagħad jeċċepixxi li l-£5,000 li ġew stipulati fl-iskrittura tas-16 ta' Ġunju 2012 ma kienu penali xejn iżda imgħax li kellu jiddekorri fuq is-somma mislufa, liema imgħax huwa għalhekk ivvizzjat b'kawża illeċita stante li jikkostitwixxi użura.

In linea ta' prinċipju ta' dritt, l-artikolu 982(2) tal-Kodiċi Ċivili jaqra hekk:

> *"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1852 u ta' kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra, kull obbligazzjoni għall-ħlas ta' mgħaxijiet f'iżjed minn tmienja fil-mija fis-sena hija wkoll nulla għal dak li hu żejjed."*

L-artikolu 1852 imbagħad jiddisponi li:

> *"(1) L-imgħax ma jistax jaqbeż it-tmienja fil-mija fis-sena.*
>
> *(2) L-imgħax miftiehem f'iżjed minn daqshekk jiġi mnaqqas sal-limiti hawn fuq imsemmija.*
>
> *(3) Jekk ikun ġie mħallas imgħax iżjed minn dak li tagħti l-liġi, iż-żejjed jinqata' mill-kapital."*

L-artikolu sussegwenti jkompli:

> *"Kull kuntratt, taħt kull isem li jkun, magħmul b'qerq tad-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan, jista' jitħassar; u f'dan il-każ, jekk il-ħwejjeġ mislufa ma jistgħux jiġu mogħtija lura, il-kreditur jista' jitlob biss il-ħlas tal-valur tagħhom fiż-żmien li hu kkunsinnahom lid-debitur."*

Kif osservat din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Jannar 2004, fl-ismijiet Lawrence Farrugia vs Fedela Carabott:

*"F'kazijiet bhal dan il-Qorti trid toqghod ferm attenta illi minn naha ma thassarx ftehim, meta dan invece messu jibqa' fis-sehh, u minn naha l-ohra ma zzommx haj ftehim fejn dan jirrizulta vizzjat ghal xi raguni valida fil-ligi."*

Dwar is-self bl-użura, fil-każ fl-ismijiet Joseph Mary Farrugia vs Gontran Borg noe, tal-15 ta' Novembru 1985, il-Qorti tal-Kummerċ qalet hekk:

*"Il-Liġi tagħna tpoġġi limiti għal kemm wieħed jista' jżomm imgħax u tippreskrivi li kull imgħax miftiehem f'iżjed mill-massimu ammess minnha għandu jiġi mnaqqas sal-limiti stabbiliti. Mhux biss, iżda 'kull kuntratt, taħt kull isem li jkun, magħmul b'qerq tad-disposizzjoni imsemmija, jista jitħassar (is subject to rescission)' (artikolu 1948 u 1949 tal-Kodiċi Ċivili). Band'oħra ta' l-istess liġi (artikolu 1185) jingħad 'expressis verbis' li l-imgħaxijiet fuq imgħaxijiet (l'hekk imsejħa 'imgħaxijiet komposti') ma jistgħux jintalbu ħlief wara li jkunu skaduti u mill-ġurnata ta' talba ġjudizzjarja jew b'konvenzjoni posterjuri, purke, sija fl-ewwel każ kemm fit-tieni ipotesi, l-imgħaxijiet ikunu dovuti għal żmien ta' mhux anqas minn sena;*

*Il-leġislatur patriju kien dejjem ġelus li jirreprima l-usura u l-Qrati dejjem irritenew li konvenzjoni affetta b'usura hija, għal dak li jirrigwarda l-usura, nulla b'mod assolut, jiġifieri inesistenti billi illeċita għax projbita mill-liġi (ara fost oħrajn is-sentenzi riportati fil-Volum 32.I.263, 39.I.366 u 45.I.127). L-usura, hi materja 'che appertiene all'ordine pubblico' tant li, anke jekk kuntratt ikun sar barra minn Malta, fejn hu ammess dak li għalina hu usura, jekk tiġi mitluba l-esekuzzjoni tal-kuntratt f'Malta, il-Qorti Maltija ma takkordax l-esekuzzjoni għall-usura (Vol.30.II.288). Saħansitra fl-azzjoni kambjarja fejn b'liġi espressa (artikolu 253 u 255 tal-Kodiċi tal-Kummerċ) mhi permessa ebda eċċezzjoni kontra l-ħlas ta' l-import li jidher fuq wiċċ il-kambjala, il-Qrati dejjem daħlu biex jindagaw, meta jiġu*

*hekk mitluba, jekk il-kambjala kinitx 'imċappsa bl-usura' (Vol. 31.I.507)."*

Din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Guzeppi Axisa et vs Mark Belli et, tal-24 ta' April 2007, irriteniet li:

*"Illi huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-ħlas ta' mgħax f'kuntratt huwa obbligazzjoni fih innifsu. Fil-mutwu, jieħu s-sura ta' obbligazzjoni aċċessorja għas-self innifsu tal-ħaġa fungibbli li sejra tintuża mid-debitur. F'każ bħal dan, l-obbligu tal-ħlas tal-imgħax jista' jkun wieħed miftiehem minn qabel jew jista' jitnissel bis-saħħa tal-liġi;*

*Illi dwar imgħaxijiet f'każijiet ta' mutwu, l-liġi trid li l-imgħax ma jaqbiżx ir-rata tat-tmienja fil-mija (8%), u kull rata miftehma ogħla minn hekk tiġi mnaqqsa sa dak l-ogħla limitu. Il-liġi ma tgħidx li l-ebda mgħax ma jkun dovut jew li l-obbligazzjoni kollha ma tkunx tiswa;*

*Illi għal żmien twil, u minħabba kwestjonijiet ta' ordni pubbliku, tqies li jekk kemm-il darba jintwera li xi somma misselfa kienet mgħobbija bi ħlas ta' rata ta' mgħax li taqbeż l-ogħla rata ffissata mil-liġi, dik l-obbligazzjoni tkun assolutament ma tiswiex. Dan jgħodd għall-obbligazzjoni marbuta mal-ħlas tal-imgħax, imma mhux ukoll għall-obbligazzjoni ewlenija tas-self innifsu, li tista' titħassar, bla ma jintilef l-obbligu li jintradd lura l-valur tal-ħaġa misselfa meqjus fiż-żmien ta' meta s-self ikun sar. Dan minħabba n-natura aċċessorja tal-obbligazzjoni tal-ħlas tal-imgħax, li ssemmiet aktar qabel. Għalhekk, meta titqanqal il-kwestjoni tal-użura, wieħed irid jgħarbel sewwa jekk dak li jiġi allegat ikunx qiegħed jipprova jwaqqa' l-eżistenza tal-obbligazzjoni ewlenija għal kollox, jew jekk ikunx qiegħed jattakka biss dik aċċessorji."*

Hekk ukoll fil-każ ta' Maria Dolores Montebello et vs Saviour Chetcuti pro et noe, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 2017, gie ritenut illi:

*"L-użura pero`, ma twassalx għan-nullita` tal-iskritturi. L-artikolu 986 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li "kull obbligazzjoni għall-ħlas ta' imgħaxijiet f'iżjed minn tmienja fil-mija fis-sena hija wkoll nulla għal dak li hu żejjed". Kwindi, l-użura ma tirrendix l-obbligazzjoni nulla, iżda jkun null l-obbligazzjoni ta' ħlas ta' imgħax b'rata għola mit-8%. Dan joħroġ ċar ukoll mill-Artikolu 1852 tal-Kodiċi Ċivili, li wara li jgħid li l-imgħax fuq self ma jistax jaqbeż it-8%, jiddisponi li "l-imgħax miftiehem f'iżjed minn daqshekk jiġi mnaqqas sal-limiti" ta' 8%.*

*Obbligazzjoni li tipprospetta ħlas ta' imgħax b'użura ma hijiex obbligazzjoni msejjsa fuq kawża illeċita, għax l-obbligazzjoni ta' self, bħala causa, hija indipendenti mill-obbligazzjoni tal-ħlas tal-imgħax. F'dan il-każ, l-obbligazzjoni infisha għandha causa ġusta – self biex tinxtara proprjeta` – u l-obbligazzjoni marbuta mal-imgħax hija nulla biss għal dak li hu żejjed 'l fuq mir-rata ta' 8% fis-sena. L-iskritturi in kwistjoni ma jistgħux, għalhekk, jitqiesu bla ebda effett fil-liġi."*

Fid-dawl tal-mod kif ikkontradixxew ruħhom l-atturi dwar dak stipulat fil-kuntratt kif ukoll fid-dawl tas-silenzju assolut tagħhom dwar x'setgħu kienu allura dawn il-£5000 li l-konvenut obbliga ruħu li jħallas inqas minn sena wara li kellu jħallas l-ammont misluf, din il-Qorti ma tistax tasal għall-spjegazzjoni differenti minn dik li joffri l-konvenut. Hija għalhekk il-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li l-konvenut għandu raġun fl-eċċezzjoni tiegħu li l-obbligazzjoni hija nulla għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħlas ta' £5000 stipulati fil-kuntratt mingħajr l-ebda spjegazzjoni għaliex talba għall-imgħax b'rata għola minn dik li tippermetti l-liġi tikkostitwixxi kawża illeċita.

L-aħħar żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut jistgħu jiġu trattati flimkien in kwantu li permezz tagħhom, il-konvenut qiegħed, fi ftit kliem, jeċċepixxi li l-ammont mitlub huwa esaġerat.

Fil-mertu, din il-kawża tistrieħ fuq il-kredibiltà tax-xhieda u fuq l-apprezzament illi din il-Qorti trid tagħmel prinċipalment fuq

id-deposizzjonijiet tagħhom. Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet George Bugeja vs Joseph Meilaq, deċiza fit-30 t' Ottubru 2003:

> *"Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli. Kif kompla jingħad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' "in dubio pro reo"".*

Il-konflitt tal-provi huma ħaga li l-Qrati jridu min dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha tezamina jekk xi waħda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibiltà u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex verzjoni teskludi lill-oħra, anke fuq bilanc ta' probabiltajiet, u tal-preponderanza tal-provi, għaliex dawn, f'kawzi civili huma generalment sufficjenti għall-konvinciment tal-gudikant (Farrugia vs Farrugia, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Novembru 1966).

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, din il-Qorti hija aktar disposta temmen il-verżjoni tal-konvenut fis-sens illi l-attur kien silfu biss €15,000 u li mhuwiex minnu li l-attriċi kienet tikkontribwixxi għall-pagamenti mensili li kienu jsiru lil David Zarb Jenkins bl-għan illi l-proprjetà tal-Mosta jakkwistawha flimkien.

Dwar id-denominazzjoni tal-munita tal-flus mislufa, mhuwiex kontestat mill-atturi li l-ammont misluf kien fil-munita Ewro u

mhux Lira Sterlina. L-atturi ma spjegawx għalfejn l-iskrittura tagħmel riferenza għall-ammont misluf fil-munita Lira Sterlina imma ladarba s-self kien ta' €15,000, naturalment, daqshekk għandu jħallas il-konvenut.

Dwar l-allegazzjonijiet tagħhom li l-attur silef £7,000 lill-konvenut sabiex iħallas l-ispejjeż tan-Nutar u li l-attriċi kienet tħallas nofs il-pagamenti mensili li kien jagħmel il-konvenut lil David Zarb Jenkins, l-atturi ma ressqu l-ebda prova. Huwa prinċipju bażilari tad-dritt ċivili li min jallega jrid jipprova. Fil-każ tal-lum, b'żieda mal-fatt illi l-atturi naqsu milli jissodisfaw dan l-obbligu tagħhom, il-verżjoni tagħhom tieħu xejra aktar dgħajfa meta wieħed iqis li l-atturi kienu inkonsistenti għall-aħħar fl-ammonti mitluba minnhom.

Fl-affidavit tagħha stess l-attriċi ssemmi żewġ ċifri. L-ewwel tgħid illi hi u l-konvenut kienu jħallsu €1125 fix-xahar lil David Zarb Jenkins, iżda aktar tard fl-istess affidavit tgħid illi l-pagamenti kienu ta' €1150 fix-xahar. Imma agħar minn hekk, sempliċi kalkolu matematiku jiżvela li hemm diskrepanza bejn l-ammont globali li qiegħda titlob l-attriċi bħala nofs il-pagamenti mensili li tgħid illi kienet tagħmel flimkien mal-konvenut lil David Zarb Jenkins u ċ-ċifri li ssemmi fl-affidavit tagħha bħala l-istess pagamenti mensili.

Imbagħad, mill-atti tal-kawża jirriżulta li filwaqt li permezz ta' ittra uffiċjali datata 30 ta' Marzu 2015, l-atturi talbu mingħand il-konvenut is-somma komplessiva ta' €40,733, l-istess ammont li qiegħed jintalab f'din il-kawża, permezz ta' żewġ ittri uffiċjali li kienu saru fl-20 ta' Jannar u 13 ta' Frar tal-istess sena, huma talbu biss €26,091. Il-verżjoni tal-atturi li huma kienu lesti jirriduċu t-talba tagħhom għal dan l-ammont sabiex ikunu jistgħu jipproċedu taħt l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma ssegwi l-ebda loġika għaliex sabiex kreditur jirrikorri għal din il-proċedura, fis-sena 2015 l-ammont mitlub ma setax jeċċedi €23,293.73.

Jirriżulta għalhekk illi l-attriċi m'għandha tieħu xejn mingħand il-konvenut imma huwa l-attur waħdu li huwa kreditur tal-konvenut fl-ammont ta' €15,000.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tastjeni milli tipprovdi ulterjorment dwar l-ewwel talba, tilqa' t-tieni talba limitatament billi tiddikjara li l-konvenut William Spiteri huwa debitur tal-attur Ian Macmillan u tilqa' t-tielet talba limitatament billi tikkundanna lill-konvenut William Spiteri jħallas lill-attur Ian Macmillan is-somma ta' ħmistax-il elf Ewro (€15,000) bl-imgħax mis-26 ta' Jannar 2012 u ċioè minn meta l-konvenut ġie notifikat bl-ewwel ittra uffiċċjali tal-atturi.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kwantu għal żewġ terzi mill-atturi u terz mill-konvenut William Spiteri.

IMHALLEF

DEP/REG